MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Numru. 470/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Mariella Sciriha**

**(ID 221471(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Mariella Sciriha ta' 33 sena, imwielda Pieta` fil-15 ta' Mejju 1971, bint Guido u Emanuela nee`

Cutajar, residenti 199, Triq il-Palm, Rahal Gdid, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 221472(M);

a) Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Settembru 2004 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data, kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli fl-istess data, hin, xhur u cirkostanzi bieghet jew xort'ohra traffikat fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi mressqa u semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputata tinsab akkuzata bir-reati ta' traffikar u pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* u dan b'referenza ghat-23 ta' Settembru 2004 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-22 ta' Settembru 2004, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu lil certu Renald Attard u minn tfittxija li saritlu, huwa nstab fil-pussess ta' raza tal-*cannabis*. Minn investigazzjonijiet ulterjuri, il-pulizija waslu ghal certu Kenrick Camilleri, li rrizulta li kien il-persuna li kien biegh ir-raza tal-*cannabis* lill-istess Attard.[1] Hekk kif tkompliet l-investigazzjoni, wara li l-istess Kenrick Camilleri semma xi persuni ohrajn in konnessjoni mad-droga, il-pulizija waslet ghall-imputata odjerna li rrilaxxjat stqarrija fit-23 ta' Settembru 2004.[2]

Illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, gie vverbalizzat illi "*l-imputata qed tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha*".[3] Sussegwentement, fis-seduta mizmuma fl-14 ta' Marzu 2011 quddiem il-Qorti, ukoll diversament preseduta, gie vverbalizzat illi "*Il-partijiet jaqblu illi qabel ma l-imputata tigi mitluba tikkonferma l-ammissjoni taghha, l-Ufficjal Prosekutur ghandu jivverifika jekk mill-investigazzjoni tieghu rrizultalux li l-att tat-traffikar sehh fil-perjodu indikat fl-imputazzjoni. Il-partijiet jaqblu wkoll li din il-verifika sejra ssir fuq osservazzjoni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta*".[4] Imbaghad, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2012, ukoll quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, gie vverbalizzat illi "*In vista tal-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2011, Dr Joseph Giglio ghall-imputata jiddikjara li l-*

[1] Dan jirrizulta mill-atti tal-proceduri fil-konfront ta' Kenrick Camilleri, esebiti a fol. 40 tal-process.
[2] Esebita a fol. 8 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 17 tal-process.
[4] A fol. 20 tal-process.

*imputata mhix ser tikkonferma l-ammissjoni taghha fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010 quddiem din il-Qorti diversament preseduta*".[5]

In vista ta' dawn il-verbali, ghalhekk, il-Qorti tifhem illi l-ammissjoni originarjament registrata mill-imputata giet irtiratha minnha meta l-avukat difensur taghha, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2012, iddikjara illi hija ma kinitx qeghda tikkonferma l-ammissjoni taghha tal-11 ta' Jannar 2010.

Illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huma l-istqarrija tal-imputata rilaxxjata minnha fit-23 ta' Settembru 2004 u x-xhieda ta' Kenrick Camilleri[6] flimkien ma' vera kopja tal-atti tal-proceduri li ttiehdu kontra l-istess Kenrick Camilleri.

Il-Qorti sejra l-ewwel tezamina l-provi mressqa dwar l-imputazzjoni (b) ossia dik dwar traffikar tar-raza tal-*cannabis.* Jirrizulta mill-istqarrija tal-imputata, mehuda lilha fit-23 ta' Settembru 2004, wara li nghatat is-solita twissija illi ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, imma dak li tghid jista' jingieb bhala prova, illi fuq mistoqsija tal-Ufficjal Investigatur dwar ta' min huma r-raza tal-*cannabis* u l-pilloli suspettati *ecstasy* li nstabu fil-jum ta' qabel waqt tfittxija gewwa r-residenza taghha, l-imputata wiegbet illi l-i*smoke* hija taghha, izda l-pilloli ma kinux taghha. Sussegwentement, meta gie ssuggerit lilha illi l-pulizija ghandha provi li kienet qed tbiegh ir-raza tal-*cannabis* u mistoqsija ghalfejn kienet qed tbiegh ir-raza, l-imputata wiegbet "*Nghid illi jiena kont qed inbiegh ghax ghandi xi dejn u bir-relief ma nistax inlahhaq*".[7] Fl-istqarrija taghha, l-imputata imbaghad tispjega kif u minghand min issellfet il-flus, li kienet ghamlet dan madwar hames snin qabel u kif f'April tas-sena 2001, dahlet terza persuna li hallsitilha d-dejn li kellha qabel u x'kien il-hlas li esigiet minghandha din it-terza persuna. Jidher ukoll minn dak li stqarret l-imputata, illi hija kienet ghadha qeghda taghmel il-pagamenti lil din it-terza persuna, tant illi tghid "*Naf li ghandu gemini Gold izda in-number*

[5] A fol. 23 tal-process.
[6] A fol. 31 *et seq* tal-process u a fol. 41 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 8 tal-process.

*naghtihulek meta jigi ghal pagament li jmiss*". Dwar ir-raza tal-*cannabis*, l-imputata tghid illi l-ahhar li kienet xtrat, kienet xtratha bil-prezz ta' Lm90 biex forsi taqla' Lm40.

Issa minn din l-istqarrija, ghalkemm jirrizulta car illi l-imputata kienet fil-fatt traffikat jew bieghet ir-raza tal-*cannabis*, biss l-imputata tghid testwalment "*jiena kont qed inbiegh*" minghajr referenza ghaz-zmien meta kienet qeghda taghmel dan. Fl-ebda stadju ma giet mistoqsija mill-Ufficjal Investigatur dwar kemm kienet ilha tbiegh, meta bdiet tbiegh u meta kienet l-ahhar darba li bieghet ir-raza tal-*cannabis*. Veru wkoll illi l-imputata wara din id-dikjarazzjoni, tkompli titkellem fil-prezent u tghid illi "*ghandi xi dejn*" u li bir-*relief* "*ma nistax inlahhaq*", apparti li tghid illi dak iz-zmien kienet ghadha qeghda thallas il-pagamenti, izda r-referenza da parti taghha ghall-bejgh tar-raza tal-*cannabis*, kif inghad, hija fil-passat u l-Qorti ma tista' bl-ebda mod, minn dak mistqarr minnha, tasal ghall-konvinciment morali illi hija bieghet ir-raza tal-*cannabis* fit-termini tal-imputazzjoni (b) ossia fit-23 ta' Settembru 2004 u fl-ahhar sitt xhur ta' qabel din id-data.

F'dawn il-proceduri, imbaghad, xehed Kenrick Camilleri, li mill-vera kopja tal-atti tal-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, esebiti fl-atti ta' din il-kawza, jirrizulta illi kien gie investigat u izjed tard misjub hati ta' *inter alia* traffikar tar-raza tal-*cannabis.* Jirrizulta wkoll illi l-istess Kenrick Camilleri kien xehed fil-proceduri migjuba kontra tieghu, apparti li xehed f'dawn il-proceduri, wara li l-kaz tieghu kien diga` gie deciz definittavement, fejn saritlu wkoll referenza proprju ghad-deposizzjoni tieghu fil-proceduri li ttiehdu kontrih.

Jirrizulta illi fix-xhieda ta' Camilleri tal-15 ta' Frar 2008, matul il-proceduri li ttiehdu kontrih, kienet saritlu referenza ghall-istqarrija li kienet giet rilaxxjata minnu fil-mori tal-investigazzjoni fil-konfront tieghu[8], liema xhieda (flimkien ghalhekk mal-istqarrija) imbaghad saritlu referenza ghaliha mill-gdid fix-xhieda

[8] A fol. 77 *et seq* tal-process fl-atti tal-kawza 'Il-Pulizija vs Kenrick Camilleri', esebiti a fol. 40 ta' dan il-process.

tieghu f'dawn il-proceduri, meta l-kaz tieghu kien diga` gie deciz definittavement. F'dan l-istadju, Camilleri ma jistax jinghad li kien ko-akkuzat u ghalhekk ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri hija ammissibbli ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istqarrija tieghu, mehudha lilu fit-23 ta' Settembru 2004, Kenrick Camilleri kien qal illi fil-jum ta' qabel, huwa kien xtara sitt bicciet raza tal-*cannabis* minghand certu Jason Farrugia, li kien ilu jixtri r-raza tal-*cannabis* minghand dan Jason xi tlett xhur, li xi kultant kien jixtri wkoll l-*ecstasy* minghand Jason u li kien ilu jaghmel dan xi xahrejn. F'punt minnhom, f'din l-istqarrija, Kenrick Camilleri gie mistoqsi hekk mill-Ufficjal Investigatur: "*Ir-raza minghand min tixtrieha propja? Minghand Jason jew Mariella?*" ghal-liema domanda, huwa wiegeb "*Ir-raza nixtrieha minghandhom it-tnejn*".[9] Fix-xhieda tieghu fil-proceduri li ttiehdu kontrih, Camilleri kkonferma din l-istqarrija, izda mbaghad gie mistoqsi hekk mill-Ufficjal Prosekutur "*Meta inti qed tirreferi ghal Jason u Mariella, tista' tispjegalna ghal min kont qed tirreferi ezatt*?" u huwa wiegeb "*Propja ghal Jason*". L-Ufficjal Prosekutur imbaghad staqsih dwar ma' min kien joqghod Jason fiz-zmien in kwistjoni u x-xhud wiegeb li kien jghix ma' Mariella u semma wkoll l-indirizz fejn dawn kienu joqoghdu.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013,[10] Kenrick Camilleri qal illi l-bicciet tal-*cannabis* li dwarhom kien gie investigat kien xtrahom minghand Jason Farrugia u spjega li huwa kien qal li kien jixtri minghand Jason u Mariella, ghaliex kienu jkunu flimkien. Qal illi huwa kien jinnegozja ma' Jason Farrugia u kien jaf lilu, izda peress illi Jason u Mariella kienu jghixu fl-istess dar, kienu jkunu flimkien. Huwa spjega illi meta kien jixtri minghand Jason, huwa kien imur gewwa d-dar fejn dan kien jghix ma' Mariella. Id-droga kienet tigi mghoddija lilu fizikament minghand Jason u huwa kien jghaddi l-flus lil Jason. Qal illi ma jafx ta' min kienet id-droga, ghaliex Jason u Mariella kienu jkunu flimkien u dwar dan spjega illi kienu jkunu fl-istess kamra. Qal ukoll illi lil Mariella, huwa ma kienx jafha qabel, izda kien jaf lil Jason Farrugia u li huwa qatt ma nnegozja dwar droga ma' Mariella. Fit-tieni xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2014,[11] fejn saritlu

[9] A fol. 78 tal-process fl-atti tal-kawza 'Il-Pulizija vs Kenrick Camilleri'.
[10] A fol. 31 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 41 *et seq* tal-process.

referenza ghax-xhieda moghtija minnu fil-proceduri tieghu fil-15 ta' Frar 2008 u ghalhekk ukoll ghall-istqarrija li kien irrilaxxja huwa stess, liema xhieda saret referenza ghalija fil-paragrafu ta' qabel dan, Kenrick Camilleri ftakar li kien ikkonferma dik l-istqarrija fil-proceduri li ttiehdu kontrih u b'referenza ghall-parti tal-istqarrija tieghu, fejn huwa kien qal li r-raza jixriha minghand it-tnejn, huwa rega' spjega illi huwa kien irrefera kemm ghal Jason, kif ukoll ghal Mariella, ghaliex kienu jghixu flimkien, izda ma kienx jaf ta' min kienet id-droga. Rega' qal illi huwa dejjem irranga ma' Jason ghax lil Mariella ma kienx jafha, li dejjem Jason tah id-droga fizikament u li dejjem hallas lil Jason. Spjega li lil Mariella huwa qatt ma ralha droga f'idejha. Huwa spjega wkoll illi fl-istqarrija tieghu, ma kienx huwa li semma lil Mariella l-ewwel darba, ghaliex l-istqarrija tieghu kienet dejjem diretta lejn Jason.

Fil-fatt, f'dan ir-rigward ix-xhud huwa korrett ghaliex minn harsa lejn l-istqarrija tieghu, kif riprodotta fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jirrizulta car illi matul l-istqarrija kollha Camilleri semma' biss lil certu Jason Farrugia bhala l-persuna li minghandha kien jixtri d-droga, sakemm f'punt minnhom gie mistoqsi mill-Ufficjal Investigatur dwar minghand min kien jixtri r-raza u cioe` jekk hux minghand Jason jew minghand Mariella, ghal-liema domanda huwa wiegeb li kien jixtriha minghand it-tnejn. Biss il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi ghalkemm din l-istqarrija tieghu giet ikkonfermata minnu fil-proceduri mehuda kontra tieghu u dan fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Frar 2008, dakinhar stess, hekk kif ikkonfermaha, l-istess Camilleri <u>mill-ewwel</u> iccara din il-kwistjoni fuq domanda tal-Ufficjal Prosekutur, fis-sens illi meta gie mistoqsi ghal min kien qed jirreferi ezatt meta semma lil Jason u lil Mariella, huwa wiegeb "*Propja ghal Jason*" u anke hemmhekk qal li kienu jghixu flimkien. Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri (u del resto, minn dak li ntqal, anke waqt il-proceduri tieghu), Kenrick Camilleri ma implikax lill-imputata fil-bejgh lilu tar-raza tal-*cannabis* u spjega ripetutament illi huwa dejjem innegozja ma' Jason Farrugia dwar id-droga, li d-droga dejjem giet mghoddija lilu fizikament minghand Jason Farrugia, li huwa dejjem hallas ghad-droga lil Jason Farrugia u li huwa kien jaf lil Jason Farrugia u mhux lill-imputata. Spjega wkoll illi originarjament fl-istqarrija tieghu huwa kien irrefera wkoll ghall-imputata fuq domanda specifika dwarha tal-Ufficjal Investigatur – li del resto fir-rigward tal-parti fejn kien qal li kien

jixtri r-raza tal-*cannabis* minghand Jason u Mariella, ma jistax jinghad illi giet ikkonfermatha minnu definittivament izda semmai giet iccarata mill-bidu nett fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Frar 2008 – ghaliex l-imputata kienet tghix ma' Jason Farrugia u kienet tkun fl-istess post meta huwa kien imur jixtri d-droga minghand Farrugia, ghalkemm fit-tieni xhieda f'dawn il-proceduri, imbaghad, qal ukoll illi l-imputata lanqas ma kienet tkun prezenti fl-istess post fid-dar meta Farrugia kien jghaddilu d-droga jew meta kienu jitkellmu dwar id-droga. Jibqa' l-fatt madankollu illi l-Qorti m'ghandha l-ebda prova illi turi illi effettivamet l-imputata bieghet ir-raza tal-*cannabis* lil Kenrick Camilleri. Ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda ta' Camilleri, il-Qorti zgur illi ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi l-imputata bieghet ir-raza tal-*cannabis* lil Camilleri jew del resto lil haddiehor fiz-zmien li ghalih tirreferi l-imputazzjoni (b) jew anke f'xi zmien iehor.

Ghaldaqstant, a bazi tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-imputazzjoni (b) kif migjuba kontra taghha.

Illi l-imputata giet akkuzata wkoll bir-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* u dan b'referenza wkoll ghat-23 ta' Settembru 2004 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data. Jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputata illi hija ammettiet illi fil-jum ta' qabel kienet instabet xi raza tal-*cannabis* fir-residenza taghha u li din ir-raza kienet taghha. Din id-droga baqghet ma gietx esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti lanqas m'ghandha hjiel dwar il-kwantita` ta' din id-droga, biss li din kienet fil-fatt raza tal-*cannabis* jirrizulta mid-dikjarazzjoni tad-difiza fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2009, fejn iddikjarat illi taqbel li l-fatti ta' dan il-kaz huma kif jirrizultaw mill-istqarrija tal-imputata. Ghaldaqstant, l-imputata qed tinstab hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reat odjern kienet wahda netta u li baqghet hekk netta tal-inqas sas-sena 2009, kif jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputata.[12] Ghalkemm il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tesebixxi fedina penali aggornata tal-imputata, din baqghet ma gietx esebita. Jirrizulta wkoll illi l-imputata ikkoperat mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ukoll ir-rapport redatt mill-*Probation Officer* Miriam Sevasta, mil-liema jirrizulta illi l-imputata kellha tfulija u trobbija difficli ferm, li sfortunatament f'hajjitha dejjem iltaqghet ma' nies li dahhluha fl-inkwiet, izda minkejja d-diffikultajiet kollha li ltaqghet maghhom, sad-data tar-rapport, li gie pprezentat fid-9 ta' Marzu tas-sena 2009, bil-hila taghha, l-imputata rnexxielha teghleb dawn id-diffikultajiet u bdiet tghix hajja stabbli u normali ma' binha.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena, illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2004, illi l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, iggib id-data tat-23 ta' Awwissu 2006, illi l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti giet mizmuma fi Frar tas-sena 2008 u li wara li giet notifikata, l-imputata dehret l-ewwel darba f'Novembru tas-sena 2008. L-imputata dejjem dehret ghas-seduti li nzammu u kien biss fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, anke ghaliex il-Prosekuzzjoni kienet qeghda tistenna li jigu decizi definittivament il-proceduri fil-konfront ta' Kenrick Camilleri, illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Veru wkoll illi fil-bidu tal-proceduri, inghataw xi differimenti sabiex id-difiza tirregola ruhha, izda kif inghad, l-imputata dejjem dehret f'dawn il-proceduri u d-dewmien zgur illi ma kienx attribwibbli fil-maggor parti tieghu ghal ragunijiet imputabbli lill-imputata.

[12] Esebit a fol. 13 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnha, fil-waqt illi qed issibha hatja tal-imputazzjoni (a), izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li tikkommettix reat iehor fi zmien disa’ (9) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kundizzjonata.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------